MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-6 ta' Frar, 2007

Rikors Numru. 577/2006

**Mira Motor Sales Limited (C 3303)**
**Vs**
**Vincent Schembri u martu Miriam Schembri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li biha is-socjeta' rikorrenti ippremettiet:

Illi b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Marzu, 1999 fl-ismijiet premessi (Nru 351/1999), il-Qorti wara li rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut, laqghet it-talbiet attrici u kkundannat l-istess Vincent Schembri ihallas is-somma komplessiva ta' disa' telef tlett mija erbgha u disghin lira Maltija u tlett centezmi (LM9,394.03) dovuti fuq bilanc ta' somma akbar prezz ta' vettura mibjugha lill-intimati bl-imghax legali u spejjez inkluzi dawk ta' proceduri relatti kif jidher mis-sentenza u t-taxxa kopja ta' liema hija hawn annessa u immarkati Dokument A u Dokument B rispettivament;

Ili ghakemm ghaddew aktar minn hames snin minn meta s-sentenza fuq imsemmija setghet tigi ezegwita l-konvenuti halsu biss parti mill-ammont dovut, u ghad fadal bilanc ta’ elf disgha mija disgha u hamsin lira Maltija (LM1959) liema ammont jikkomprendi imghax sat-2 ta’ Gunju 2006 kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat Dokument C;

Illi ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors;

Illi ghalhekk l-istess socjeta’ rikorrenti ghaldaqstant talbet lil dina l-Qorti jogghobha tawtorizzaha biex tipprocedi fl-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta’ Marzu 1999 fl-ismijiet premessi (Numru 351/99) u dana peress li ghaddew aktar minn hames snin mid-data tas-sentenza premessa;

Rat li l-intimati notifikati ma ipprezentawx risposta u lanqas dehru ghar-rikors;

Rat li r-rapprezentant tas-socjeta’ rikorrenti kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors u li ma thallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proceduri;

Rat l-atti kollha;

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta’ rikorrenti tirrizulta gustifikata u ghaldaqstant tilqa’ t-talba tal-istess socjeta’ rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------